DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/333

tal-5 ta' Marzu 2018

li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK. ([1])

(2) Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi tiġi estiża sas-6 ta' Marzu 2019, l-entrata għal żewġ persuni jenħtieġ li titħassar u d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet għal tliet persuni jenħtieġ li jiġu aġġornati.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/119/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-6 ta' Marzu 2019.".

(2) l-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

N. DIMOV

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26).

ANNESS

I. L-entrati għall-persuni li ġejjin huma mħassra mil-lista stabbilita fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK:

4. Olena Leonidivna Lukash

10. Serhii Petrovych Kliuiev

II. L-entrati għall-persuni li ġejjin stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
7.	Oleksandr Viktorovych Yanukovych (Олександр Вікторович Янукович)	Imwieled fl-10 ta' Lulju 1973 f'Yenakiieve (Donetsk oblast), iben l-eks President, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u għal kompliċità b'rabta ma' dan.	6.3.2014
11.	Mykola Yanovych Azarov (Микола Янович Азаров), Nikolai Yanovich Azarov (Николай Янович Азаров)	Imwieled fis-17 ta' Diċembru 1947 f'Kaluga (ir-Russja), Prim Ministru tal-Ukrajna sa Jannar 2014,	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u għal kompliċità b'rabta ma' dan.	6.3.2014
12.	Serhiy Vitalyovych Kurchenko (Сергій Віталійович Курченко)	Imwieled fil-21 ta' Settembru 1985 f'Kharkiv, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u għall-abbuż tal-uffiċċju sabiex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għalih innifsu jew għal terza parti u li b'hekk ikkawża telf ta' fondi jew assi pubbliċi Ukreni.	6.3.2014